MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 1267/2009

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1739/09 maħruġ fit-23 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet:

Joseph **SCICLUNA** u martu Maria Scicluna, għal kull interess li jista' jkollha

vs

Gianfranco **RONSISVALLE** u martu Marisa Ronsisvalle

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrenti Marisa Ronsisvalle fil-21 ta' Diċembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbet li din il-Qorti tħassar f'biċċa minnu l-

Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontra tagħha u ta’ żewġha mill-intimati eżekutanti miżżewġin Scicluna, u dan safejn dak il-mandat jolqot iż-żamma ta’ flejjes ġejjin mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali bħala *allowance* ta’ binta minuri Loriana; talbet ukoll li l-Qorti tħalliha tirtira s-somom hekk miżmuma u li wieħed mill-banek sekwestratarji qiegħed b’ċedola taħt l-awtorita’ tal-Qorti;

Rat id-Degriet tagħha tal-31 ta’ Diċembru, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti, għall-finijiet tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-istess intimati eżekutanti fit-12 ta’ Jannar, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi fl-ewwel lok qalu li mal-atti li nbagħtulhom, ma kienx hemm kopja tad-dokumenti li r-rikorrenti ressqet mar-Rikors tagħha. Laqgħu ukoll billi qalu li l-atti m’humiex integri, ladarba ma saritx il-leġittimazzjoni tal-atti minħabba l-mewt ta’ żewġ l-istess rikorrenti minn dak inhar li tressaq il-Mandat sallum. Fil-mertu laqgħu billi qalu li jekk kemm-il darba kellha tintlaqa’ t-talba tar-rikorrenti eżekutata, huma ma kien ser jifdlilhom l-ebda garanzija oħra għaliex il-fondi li dwarhom ressqet it-talba l-istess rikorrenti huma l-ġid waħdieni sekwestrabbli;

Rat id-dokumenti mressqa mir-rikorrent mar-Rikors;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qiegħda titlob it-tħassir f’biċċa minnu biss tal-effetti ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li l-intimati ħarġu kontriha u żewġha (illum mejjet) et kontrih fit-23 ta’ Ottubru, 2009, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tagħhom fis-somma ta’ mija u tlieta u għoxrin elf euro (€ 123,000)

magħmulin f'kawża li fetħu kontra l-istess eżekutati dak inhar stess[1]. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'notifika lil tmien sekwestratarji;

Illi r-rikorrenti eżekutata tqis li l-imsemmi Mandat ma jistax jibqa' fis-seħħ safejn bis-saħħa tiegħu nqabdu flejjes li hija kellha jedd għalihom bħala Għajnuna Soċjali. Fil-fatt, hija tgħid li nżammulha ċ-*children's allowance* ta' bintha Loriana, li għadha taħt l-eta';

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti bħala dawk li għalihom hija qiegħda titlob ir-rimedji msemmijin ma jissemmewx, imma dan waħdu m'għandux ikun ta' xkiel biex il-Qorti tqis it-talbiet tagħha, ladarba, min-natura nnifisha tat-talba u mill-korp tar-Rikors, wieħed jista' faċilment jintebaħ liema huma l-kawżali. Dak li trid il-liġi hu li t-talba għat-tħassir, jew it-tħassir f'parti minn Mandat kawtelatorju jrid ikun jaqa' taħt xi waħda mis-sitt kawżali li jaħseb għalihom l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12;

Illi, kif ingħad, dawn iż-żewġ kawżali huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti[2]; u (b) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[3];

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat safejn jolqot l-assi miżmuma, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tħalliha tiġbed il-flus li tqiegħdu l-Qorti b'ċedola minn wieħed mill-banek sekwestratarji[4];

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[5]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq;

---

[1] Rik. Nru. 1015/09JRM
[2] Art. 836(1)(b) tal-Kap 12
[3] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[4] Dokti "A" u "B" f'paġġ 2 – 3 tal-atti
[5] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn it-talbiet, joħroġ li miż-żwieġ tar-rikorrenti u l-eżekutat l-ieħor Gianfranco Ronsisvalle twieldet tifla Loriana li għadha taħt l-eta'. Dwar l-imsemmija tifla, r-rikorrenti tirċievi l-Għajnuna Soċjali, liema ħlas jitqiegħed f'kont bankarju numru 20000806994 fil-fergħa ta' Raħal Ġdid tal-APS Bank. Matul l-2009, fl-imsemmi Kont kienu ddaħħlu xi flejjes – wieħed f'April tal-2004 (jiġifieri madwar sitt xhur qabel inħareġ il-Mandat) u depożitu ieħor bis-sistema tad-*direct credit* li sar fl-4 ta' Lulju, 2009 (li jiġi wkoll qabel il-ħruġ tal-Mandat);

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qiegħda tibnihom fuq żewġ kawżali tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

A) Li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti [Art. 836(1)(b)]. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher ċar li r-rikorrent qiegħda ssejjes l-ilment tagħha fuq

[6] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

il-fatt li l-Mandat ma messux inħareġ jew ġie eżegwit fuq dak il-kont bankarju li fih qiegħed jiġi akkreditat l-ammont ta' Għajnuna Soċjali li hija qiegħda tirċievi dwar bintha. Bir-rispett kollu, dik ir-raġuni ma tistax issejjes kif imiss il-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(b). Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ[7]. F'dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, l-provi juru li, sa minn żmien qabel il-ħruġ tal-Mandat, hija kienet diġa' qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali dwar bintha;

Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti tinvoka dispożizzjonijiet tal-liġi li jgħidu li ma jistax jinħareġ Mandat kawtelatorju fuq benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jekk mhux fiċ-ċirkostanzi stretti msemmija fl-istess liġi[8];

Illi l-eżekutanti jilmintaw li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti, huma mhu sejjer jibqagħlhom l-ebda ġid ieħor biex fuqu jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-eżekutati. Għalkemm dan jista' tassew ikun minnu, il-liġi hija tassativa dwar din ir-regola, u huwa biss f'każijiet speċifiċi li l-liġi tagħti lill-kreditur eżekutant xi sura ta' rimedju dwar il-ħruġ ta' Mandati[9];

---

[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet *Avukat Tonio Fenech noe vs Avukat Patrick Spiteri pro et noe*
[8] Art. 381(3) tal-Kap 12
[9] Art. 382(1) tal-Kap 12

Illi, min-naħa l-oħra, mad-daqqa t'għajn joħroġ mill-atti li tassew li **parti** mid-depożiti fil-kont bankarju msemmi mir-rikorrenti qiegħed jilqa' fih l-Għajnuna Soċjali li hija tirċievi (fil-fatt, jista' jagħti l-każ li din ma tkunx biss l-*allowance* tat-tfal, ladarba r-rikorrenti issa romlot ukoll). Iżda dan ma jgħoddx għall-fondi kollha fl-imsemmi kont. Jista' jkun li huwa l-każ ukoll li r-rikorrenti tagħti struzzjonijiet lill-bank partikolari biex il-fondi kollha li jaslu mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jitqiegħdu f'kont bankarju għalih;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti filwaqt li ma ssibx li hemm raġunijiet biex tordna t-tħassir tal-Mandat, issib ukoll li hemm raġuni dettata mil-liġi biex tordna li l-effetti tal-Mandat ma jkunux jgħoddu dwar il-ħlasijiet li jsiru lir-rikorrenti mid-Dipartiment imsemmi;

Illi dwar **it-tieni talba** tar-rikorrenti, din il-Qorti ssib li din tista' tintlaqa' biss f'parti. Kif ingħad aktar qabel, huwa biss dħul wieħed li jitkellem dwar benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali. Is-somma l-oħra tirreferi għal depożitu fi flus kontanti li l-provenjenza tagħhom ma tidhirx li hija wkoll minn għajnuna soċjali. Għalhekk, il-Qorti ssib li din it-talba tista' tintlaqa' biss fir-rigward tal-ammont ta' mitejn u tmienja u tmenin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€ 288.99);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti billi:

**Tiċħdu** kwantu talbet it-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru in kwestjoni, **iżda qegħda tipprovdi billi tordna** lill-bank sekwestratarju APS Bank Limited biex iqis u jagħti effett li kull ammont perċepit mir-rikorrenti bħala Għajnuna Soċjali mogħtija lilha f'isimha proprju jew f'isem bintha minuri Loriana Ronsisvalle ma titqiesx bħala ġid li l-Mandat jorbot lill-istess sekwestrataju li jżomm f'idejh. Tordna wkoll lill-istess bank sekwestratarju biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex, bi spejjeż għar-rikorrenti, l-fondi hekk perċepiti bħala għajnuna soċjali jiġu mgħoddijin lir-rikorrenti bla ħsara għall-ordni msemmi fil-Mandat, li għandu jibqa' fis-seħħ;

**Tilqa' limitatament it-talba** billi tawtorizża lir-rikorrenti li tisbanka minn taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' mitejn u tmienja u tmenin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€ 288.99), parti minn somma akbar depożitata mill-imsemmi APS Bank Limited bħala parti miċ-ċedola ta' Depożitu numru 1376/09 tat-13 ta' Novembru, 2009;

**L-ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, is-26 ta' Frar, 2010.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------